

Brussell, 5 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15446/17

FISC 347
ECOFIN 1093

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14789/17
Suġġett:	Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) – Konklużjonijiet tal-Kunsill (5 ta' Diċembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), adottati mill-Kunsill fit-3582 laqgħa tiegħu li saret fil-5 ta' Diċembru 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)

Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jilqa' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Estonjana kif jinsab fir-rapport tiegħu (dok. 14784/17 FISC 300 ECOFIN 999);
- jitlob lill-Grupp biex ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u l-implimentazzjoni tal-iżmuntar u jistieden lill-Grupp biex jissokta l-ħidma tiegħu skont il-Pakkett ta' Ħidma tal-2015;
- jieħu nota tal-progress li sar fir-rigward tal-allinjament tas-sistemi ta' incenċivi tat-taxxa favur il-privattivi mal-approċċ maqbul tan-nexus u jistieden lill-Grupp biex ikompli jimmonitorja u jirrapporta dwar dan il-proċess;
- iħeġġeġ lill-Istat Membru li ma ħa ebda azzjoni biex jibda jemenda is-sistema tiegħu tat-taxxa favur il-privattivi sabiex ikun konformi mal-approċċ modifikat tan-nexus malajr kemm jista' jkun u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn tmiem l-2018;
- jieħu nota tal-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta fil-ħidma tiegħu li għaddejja fil-kuntest tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2016 dwar il-kriterji u l-proċess li jwassal għall-istabbiliment tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għall-finijiet ta' taxxa, u jitlob lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta biex ikompli b'din il-ħidma, kif stipulat [fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017];
- japprova il-"Gwida dwar l-interpretazzjoni tar-raba' kriterju" annessa mar-rapport mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta;
- japprova l-Linji Gwida li jistabbilixxu metodi ta' ħidma għal monitoraġġ effettiv tal-konformità tal-Istati Membri ma' gwida maqbula, annessi mar-rapport tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta, u jistieden lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta biex jimplimentahom malajr kemm jista' jkun;

- itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea biex tinvestiga l-ħtieġa ta' reviżjoni ta' linji gwida tal-imġhoddi tal-UE dwar kwistjonijiet tal-prezzijiet ta' trasferiment fid-dawl tar-rapport tal-OECD dwar il-BEPS dwar l-Azzjonijiet 8-9-10 u biex tirrapporta u tagħti parir lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta kif adatt;
 - jistieden lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta biex ikompli bid-djalogu dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-Kodiċi tal-Kondotta għal-Liechtenstein, kif stabbilit fir-rapport, u biex jesplora l-ħtieġa li jippromwovi l-adozzjoni tal-prinċipji tal-Kodiċi tal-Kondotta f'pajjiżi terzi oħrajn;
 - jistieden lill-Grupp biex jirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Bulgara.
-